9 LEĠISLATURA

**Laqgħa B'Urgenza Numru 74**

**It-Tnejn, 16 ta' Ottubru 2023**

Il-Laqgħa numru 74 saret onlajn nhar it-Tnejn 16 ta' Ottubru 2023 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stephen Sultana | Sindku |
| Is-Sur Gianluca Falzon | Viċi Sindku |
| Is-Sa Courtney Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa Roberta Sultana | Kunsillier |
| Is-Sur Joe Vella | Kunsillier |
| Is-Sur Kursten Dimech | Kunsillier |
| Is-Sur Silvio Vella | Kunsillier |

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**):

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Michael Mifsud | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Is-Sindku, is-Sur Stephen Sultana ippresjeda l-laqgħa.

**74.1 Ġieħ u Mertu Santa Venera 2023**

Membri tal-Bord tal-Kumitat tal-Għażla iltaqgħu nhar it-Tlieta 10 ta' Ottubru 2023 fil-5:30 ta' filgħaxija fil-bini amministarttiv u fetaħ in-nominazzjonijiet, li kienu nġabru u ġew issiġillati fid-data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet.

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Preżenti:** | Is-Sur Albert Cassar Farrugia | - | Chairman |
| | Is-Sur Michael Mifsud | - | Segretarju |
| | Is-Sur Miguel Cauchi | - | Membru |
| | Is-Sur Lino Debono | - | Membru |
| Skużati: | Is-Sur Mark Borg | - | Membru |
| | Is-Sur Raymond Xerri | - | Membru |

Għall-Ġieħ u Mertu Santa Venera 2023 kien hemm b'kollox 12 -il nominazzjoni.

Fil-preżenza ta' membri tal-kumitat u s-Segretarju Eżekuttiv wara li infetħu n-nominazzjonijiet, il-Kumitat sar jaf min huma in-nies li ġew nominati għall-Ġieħ u Mertu Santa Venera 2023 fejn dawn kienu:

**Ġieħ Santa Venera 2023**

Nominati: Josette Zerafa x 4 nominazzjonijiet
Emanuel Micallef
Alfred Cachia

**Mertu Santa Venera 2023**

Nominati: Anthony (Tony) Agius
Noel Cachia
Maurice Grech
Yulan Law x 3 nominazzjonijiet

In-nomini kollha kienu validi skont dak li hu indikat fil-linji gwida li ġew emedanti għal din is-sena.

Il-motivazzjoni ta' kull nomina nqrat u ġiet analizzata u diskussa mill-membri tal-Kumitat abbażi ta' artikli 4.0 u 5.0 tal-istess linji gwida. Dan wassal sabiex in-nominanti jiġu kklassifikati f'klassifika skont il-motivazzjonijiet li kitbu l-proponenti li huma responsabbli tal-kontenut tal-formola skont kif indikat fil-linji gwida.

Wara dikussjoni u evalwazzjoni profonda fuq in-nominati kollha għall-Ġieħ Santa Venera, il-Kumitat unanimament qablu li n-nominazzjoni tas-Sur Alfred Cachia kienet tikklassifika fuq quddiem fost in-nomini li kien hemm u għaldaqstant unanimament qablu li s-Sur Cachia jingħata Ġieħ Santa Venera 2023.

Wara diskussjoni u evalwazzjoni profonda fuq in-nominati kollha għall-Mertu Santa Venera, il-Kumitat unanimament qablu li n-nominazzjoni tas-Sa Yulan Law kienet tikklassifika fuq quddiem fost in-nomini li kien hemm u għaldaqstant unanimament qablu li is-Sa Yulan Law għandha tingħata Mertu Santa Venera 2023.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Kumitat jirrakkomanda lill-Kunsill Lokali Santa Venera li:

Ġieħ Santa Venera 2022 jingħata lis-Sur Alfred Cachia

Mertu Santa Venera 2022 jingħata lis-Sa Yulan Law

Wara diskussjoni bejn il-membri kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-għażla.

Il-laqgħa intemmet fl-4:30pm u ġiet aġġornata sine die.

Stephen Sultana
Sindku

Michael Mifsud
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Konfermati, illum 20 ta' Novembru, 2023